# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru ħmistax (15) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Erbgħa 22 t' Ottubru 2014, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-kuntrattur tal-iskart m'għandux dritt biex jagħmel talba għall-flus għal servizz illi huwa parti mill-ftehim fil-kuntratt eżiztenti [ref punt 3.2]. Is-Sindku qal illi l-kuntrattur għamel talba ta' €75/Bring In Site biex inaddafhom. Is-Sindku fakkar ukoll illi għandna kuntratt mal-GreenPak u li huma jiġu jagħmlu dan it-tip ta' xogħol darbtejn fil-ġimgħa. Fuq is-suġġett tal-iskips, il-Kunsill ħa d-deċiżjoni biex titneħħa l-iskip li hemm f'triq il-Feniċi. Is-Sindku kkonferma li c-CCTV kameras tal-BIS qegħdin jaħdmu wara mistoqsija mill-kunsillier Publius Abdilla.

3.2 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk is-Sindku jista jiċċara jekk ħallasna lil kuntrattur li naddaf il-Bring In Sites ta' triq il-Kuċċard [ref punt 3.1] peress illi s-Sindku qal illi dan ix-xogħol ma sarx mill-

kuntrattur tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi x-xogħol sar mis-sur Gaetano Galea u li dan ma talab l-ebda ħlas mill-Kunsill. Is-Sindku żied illi l-kuntrattur tal-Kunsill m'għamilx dan ix-xogħol u kieku għamilna talba biex jagħmel ix-xogħol illi kellu jagħmel xorta waħda skond il-kuntratt tiegħu, kien jagħmel talba għal ħlas. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ġimgħa qabel il-laqgħa kien bagħat emajl, u kien iltaqa mal-kuntrattur biex juri n-nuqqasijiet tiegħu skont il-kuntratt tiegħu u dan aċċetta li għandu jibda jieħu l-boroz li huma madwar il-Bring In Sites. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi default notices għandhom joħorġu wara li jsir qbil fuq il-mejda tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma kien hemm l-ebda default notice izda urejna lill-kuntrattur biss x'inhuma l-obbligi tiegħu. Is-Sindku żied li l-kuntrattur onora l-kuntratt issa.

3.3 Il-kunsillier Publius Abdilla għamel referenza għall-punt 3.4 tal-laqgħa preċedenti fejn għamel talba għall-update rigward il-possibilta li ssir laqgħa ma' rappreżentant tal-WSC.

3.4 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi jidher illi l-ġardinar u l-ħaddiema tal-Kunsill m'għadhomx jaqtgħu il-ħaxix ħazin fl-area tal-Ħlantun [sa Ħal Far]. Is-Sindku qal illi qegħdin jaħdmu fl-area tal-Ħlantun bħalissa.

3.5 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għad hemm il-container [ref punt 3.9]. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kuntrattur ħallas għal permess ta Tower Crane u mhux tal-container u avza lill-kuntrattur illi jekk għandu container għandu jħallas extra. Il-kuntrattur kien qal illi se jneħħi l-container.

3.6 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi mar jagħmel rapport lill-pulizija rigward il-periklu li hemm f'triq San Tumas minħabba x-xogħol illi qed isir minn individwu, fil-propjeta tiegħu [ref punt 3.9]. Ilmenta li spiss qed ikollu problemi mas-sid tal-post. Qal illi għandu l-permessi kollha tal-MEPA wara li l-kunsillier Publius Abdilla ssuġġerixxa li naraw jekk għandu l-permessi.

3.7 Il-Viċi Sindku qal illi l-ħarga kulturali se tinkludi wkoll zjara sal-muzew Marittimu u li l-prezz se jkun ta' €18 [ref punt 3.10].

**4. Payment Approval Sheet**

4.1 **Bnadar:** Il-kunsillier Publius Abdilla talab għall-aktar informazzjoni għal ħlas ta' €520 lis-sur Joe Schembri. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-pagament kien maqsum fit-tnejn: €480 xiri ta' 6 bnadar u €40 repairs.

4.2 **Joe Zammit:** Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa dwar il-€50 dovuti lis-sur Zammit. Dan kien ħlas neċessarju għall-qtugħ tal-ħaxix.

4.3 **Diesel:** Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa dwar il-ħlas għad-diesel illi kien hemm dovut lil Mario Service Station. L-ammont kien ikopri l-kumpens tad-diesel għall-ħaddiema tal-IPSL [*2] għax-xahar t'Awwissu fejn sar ħafna vjaġġi bil-vetturi tagħhom.

4.4 **Joe Attard:** Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa dwar l-ammont dovut lis-sur Attard. Dan il-ħlas kien għax-shutter tas-saqaf tal-I.T u foyer fejn is-sala tal-Kunsill.

4.5 **Kameras:** Il-Viċi Sindku Johan Mula staqsa jekk il-Kunsill xtara arbli ġodda għall-kameras peress illi kien hemm payment lil Allsec Ltd. Is-Sindku qal illi l-Kunsill ma xtara l-ebda arblu u li l-ħlas kien għall-installazzjoni tal-kameras [tower ladder u manual labour]. Is-Sindku qal illi issa għandna nieħdu l-fondi tar-Reġjun għas-CCTV's u l-kameras li se jsiru barra l-Kunsill u bandli. Qal illi l-Kunsill se jkollu jħallas ammont zgħir għax-xiri ta' dawn il-kameras mill-allokazzjoni.

**5. Korrespondenza**

5.1 **Robert Vassallo**: Il-Kunsill irċieva emajl mill-videographer tad-dokumentarju fejn qal illi x-xogħol tas-sur Vassallo, li bagħat invoice għax-xogħol illi għamel [aerial shots] għall-użu tad-dokumentarju. huwa aċċettabli. Il-Kunsill aċċetta li jsir il-ħlas.

5.2 **Promozzjoni għall-impjegata tal-Kunsill:** Is-Segretarju Eżekuttiv għamel talba biex il-Kunsill jagħmel 'opening' għal clerk [Skala 13]. Il-Kunsill qabel unaniment illi l-impjegata li qegħda skala 15 titla sa Skala 13. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu għaraf lid-DLG.

5.3 **Adrian Mifsud [DLG]:** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm kors obligatorju għas-Segretarji Eżekuttivi kollha li se jdum ftit xhur. Dawn il-lezzjonijiet mhux se jsiru fl-istess ġurnata/ħin tal-

ġimgħa imma darba jew darbtejn fil-ġimgħa se jkun qed jattendi għal dawn il-lezzjonijiet illi se jsiru waqt il-ħin tax-xogħol [Diploma in Public Management]

5.4 **Zebra Crossing- triq San Pawl:** Is-sinjorina Christina Vella bagħtet ilment fuq iz-zebra crossing li sar mill-Kunsill f'2013 fit-triq San Pawl. Il-kunsilliera qablu li għamlu l-aħjar għażla meta iddeċidew illi jsir iz-zebra crossing u li qegħdin hemm għas-sigurta tar-raħal. Is-Sindku ma qabilx mal-kumment tagħha fejn qalet illi tneħħew ħafna postijiet tal-parkeġġfit-triq, meta fil-fatt tneħħew 2 biss u zied illi l-karrozzi li kienu fil-parking fejn hemm iz-zebra crossing kienu qegħdin jagħtu diffikulta lil xufier tal-coaches illi għandu garaxx fejn il-crossing. Il-Kunsill mhux se jieħu l-ebda azzjoni rigward dan iz-zebra crossing.

5.5 **Triq il-Kuċċard: Claudette Fenech:** Il-kunsillier Publius Abdilla talab għal informazzjoni rigward l-emajl tas-sinjorina Fenech. L-emajl kienet mibugħta mill-Monitoring Department fejn għamlu talba biex il-Kunsill jiġbor TV fejn il-ħamrija mal-konfini ta' Żurrieq. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-kuntrattur tal-Bulky Refuse ġabar it-TV izda hemm dubju jekk it-TV kien fil-konfini tagħna jew taż-Żurrieq.

5.6 **Wardens- Reġjun Nofsinhar:** Il-kunsillier talab iktar informazzjoni rigward l-emajl tar-Reġjun fejn is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jixtiequ jaraw liema postijiet il-Kunsill jixtieq jara l-prezenza ta' wardens fir-raħal.

5.7 **Ilment- Michael Spiteri:** Il-Viċi Sindku Johan Mula talab għal aktar informazzjoni rigward l-ilment tas-sur Spiteri. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sinjur għamel suġġeriment biex il-Kunsill inaddaf area f'triq San Pawl izda dan kien qed jirreferi għal propjeta privata. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien avza lis-sur Spiteri illi l-Kunsill ma jistax jibgħat il-ħaddiema tal-Kunsill biex jagħmlu spring cleaning f'post privat u għamel talba lis-sur Spiteri biex imur jkellem mas-sid tal-propjeta jew biex jibgħat l-informazzjoni tal-persuna lill-Kunsill. Is-sur Spiteri ma rrispondiex wara din it-talba.

**6. Ħwejjeġ Oħra**

**Il-kunsillier Publius Abdilla:**

6.1 Insista li għal kull attivita l-kunsilliera għandhom jirċievu breakdown tal-expenses.

6.2 Ilmenta li hemm ħafna kaxex u plastikk fejn sqaq Ħannux u li l-kennies mhux qed jiġborhom. Is-Sindku qal illi dak il-materjal għandu jinġabar mill-kuntrattur tal-waste collection u mhux tal-istreet cleaning.

6.3 Staqsa lis-Sindku kif mar fl-attivita ta' Veneto fejn għamel parti minn grupp ta' Maltin illi għamlu promozzjoni ta' prodotti lokali fl-Italja. Is-Sindku qal illi l-Maltin kienu organizzatti ħafna waqt illi kien hemm nuqqasijiet minn naħa tat-Taljani. F'April it-Taljani għandhom jiġu Malta.

**Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil:**

6.4 Qal illi hemm container ġo għalqa f'triq il-Kuċċard. Is-Sindku qal illi kien raħ. Staqsa wkoll jekk għandha x'taqsam max-xogħol illi qed isir fit-triq. Is-Sindku rrisponda li m'għandiex taqsam max-xogħol.

**Il-kunsillier Carlo Stivala:**

6.5 Qal illi hemm bollards imkissrin f'Misraħ San Ġużepp. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qalu li jafu bihom u diġa ġew ordnati bollards ġodda waqt illi kien hemm rapport kontra il-Malta Public Transport Services peress illi l-ħsara saret b'waħda mill-karrozzi li kienu t'Arriva.

6.6 Ilmenta li l-kuntrattur tal-knis mhux qed inaddaf l-iskip tiegħu ta' fejn il-BIS ta' Qerd in-Naħal ta' spiss. Żied illi hemm ammont ta' ġrieden illi qegħdin jiġru fl-area. Is-Sindku qal illi l-problema tal-ġrieden hija waħda kbira madwar Malta kollha u żied illi qegħdin hemm minħabba raġunijiet oħrajn u mhux sempliċiment minħabba l-iskip. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil issuġerixxa l-użu ta' tea bags [bil-qamħ] biex noqtlu l-ġrieden. Il-Kunsill se jara meta jista jiġi kuntrattur biex jagħmel valenu madwar ir-raħal. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fl-aħħar sena diġa għamilna valenu darbtejn.

**Il-Viċi Sindku Johan Mula:**

6.7 Qal illi hemm il-ħsieb illi t-Treasure Hunt isir bit-22 ta' Novembru u li ssir fir-raħal ta' Ħal Safi. Il-parteċipanti se jkunu minn Yr5 sa Form 1. Il-Kunsill qabel fuq ix-xiri ta' goody bag u medalji għal parteċipanti kollha u tazza għat-tim rebbiegħ. Sal-laqgħa li jmiss għandu jagħti izjed informazzjoni.

6.8 Qal illi ħa jsir 2 xeni bħala parti mid-dokumentarju tar-raħal u li l-Kunsill għandu bzonn jħallas ammonti zgħar għall-kiri ta' ħwejjeġ antiki. Qal illi l-ammont totali għandu jkun inqas minn €100. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni.

**Is-Sindku Francis Callus:**

6.9 Għamel talba biex isiru yellow lines f'triq Dun Karm Vella, fejn il-blokka tal-flats il-ġodda. Qal illi dawn il-linji huma bzonnjuzi barra garaxxijiet biss għaliex ħafna residenti qed isibu diffikulta biex joħorġu mill-garaxxijiet. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi avolja nkunu qegħdin innaqqsu l-ammont ta' postijiet ta' parkeġġ inkunu qegħdin insaħħu s-sigurta u, flimkien mall-kunsilliera l-oħra, qabel illi jsiru. Il-Kunsill se jibgħat lil Transport Malta.

6.10 Qal illi l-Kunsill se jkollu joħroġ ammonti zgħar mill-allokazzjoni għall-ispejjez tal-festa Agrikoltura u Frott [il-Kunsill ingħata €2000 fondi]. Qal illi bħala entertainment se jkun hemm għana, brass band u folk band. Qal illi se jkun hemm stands, magni, bejgħ ta' prodotti bħall-għasel u jam, displays tal-għodda, eċċ. Wara mistoqsija mill-Viċi Sindku Johan Mula, is-Sindku qal illi l-Kunsill għandu għaxar stands.

**Is-Segretarju Eżekuttiv Anthony Attard:**

6.11 Qal illi hemm bzonn ta' manutenzjoni fis-sistema tas-sigurta tal-Kunsill. Qal illi ġabar kwotazzjoni minn Allsec Limited u li x-xogħol meħtieġ se jammonta għal €22.42 [VAT inc] għax-xiri ta' kunsill sensor u €30/hr bħala spejjez għax-xogħol manwali. Il-kunsilliera qablu li jsir dan ix-xogħol.

**7. Laqgħa li jmiss**

7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm.

7.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fit-13 ta'Novembru 2014 fl-4pm .

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |